MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 556/2004

**Anthony Camilleri**

**Vs**

**Citadel Insurance plc, Assikura Insurance Brokers Limited, Michael Attard Limited u Anthony Haber jew min minnhom**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi

Premess illi fit-13 ta' Jannar 2004 l-attur assikura l-vettura tieghu tal-marka Peugeot 307 X5 numru ta' registrazzjoni

FIO-007 permezz ta’ polza ta’ assikurazzjoni *fully comprehensive* Numru PCRC/28/04/100845 mahruga mis-socjeta` assikuratrici konvenuta Citadel Insurance plc tramite s-servizzji ta’ Assikura Insurance Brokers Limited fl-ufficini tas-socjeta` konvenuta l-ohra Michael Attard Limited;

Premess illi l-attur ma jafx jaqra jew jikteb u lanqas ma jaf bl-Ingliz, u l-*proposal form* imtliet mill-konvenut Anthony Haber fl-ufficini tas-socjeta` konvenuta Michael Attard Limited a bazi tat-twegibiet moghtija mill-attur ghad-domandi kif maghmula u spjegati lilu mill-istess Anthony Haber, dokument anness bhala Dok. AC1;
Premess illi domanda partikolari fil-*proposal form* (Sezzjoni “The Drivers” domanda numru 5) kienet dwar jekk l-attur jew xi sewwieq awtorizzat kellux “accident/loss” fl-ahhar hames snin; izda l-konvenut Anthony Haber erroneament jew b’negligenza u nuqqas ta’ kura staqsa lill-attur biss jekk kellux “accident” fl-ahhar tlett snin;

Premess illi matul it-tliet snin precedenti l-attur ma kellu l-ebda incident awtomobilistiku u lanqas ma kellu l-ebda incident awtomobilistiku fil-hames snin precedenti, imma kien il-vittma ta’ serq ta’ vettura cirka erba` anin qabel;

Premess illi fit-22 ta’Marzu 2004 l-attur kellu incident tat-traffiku (Rapport anness bhala Dok AC2) u l-attur sofra griehi f’wiccu li wasslu biex l-attur kellu bzonn intervent kirurgiku dentali (ara ricevuta annessa bhala Dok AC3) u kif ukoll hsarat estensivi fil-vettura tieghu ( ara *survey* report anness bhala Dok AC4), kif ukoll qed isiru kontra tieghu pretensjonijiet ghall-hlas ta’ danni da parti tal-Korporazzjoni Enemalta (Dok AC5) u da parti ta’ certu Giuseppe sive Joseph Farrugia, terza persuna involuta fl-incident imsemmi (Dok AC6);

Premess illi s-socjeta` assiguratrici konvenuta Citadel Insurance plc qieghda tirrifjuta kull responsabilta` ghar-ragunijiet specifikati aktar fid-dettal fl-ittri annessi bhal Dok AC7 u AC8, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom huma obbligati jhallsu lill-attur id-danni sofferti minnu fl-incident stradali fuq imsemmi tat-22 ta' Marzu 2004;
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess attur fl-incident stradali tat-22 ta' Mejju 2004;
3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur id-danni hekk likwidati fit-tieni talba; u
4. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli sabiex jindennizzaw lill-attur fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta u ta' Giuseppe sive Joseph Farrugia fir-rigward ta' kwalsiasi responsabilta` li jista` jkollu l-attur in konnessjoni mal-pretizi minnhom avvanzati.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa in subizzjoni u bir-rizerva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Assikura Insurance Brokers Limited u Anthony Haber a fol. 40 tal-process fejn jeccepixxu:**

1. Illi, in linea preliminari, ic-citazzjoni odjerna hija nulla u dana peress illi l-azzjoni kif proposta hija inproponobbli u dana stante illi l-attur qieghed jivvanta il-pretensjonijiet tieghu f'citazzjoni wahda kontra diversi konvenuti ghab-bazi ta' obbligazzjonijiet distinti u legalment differenti. Illi l-azzjoni in kwantu diretta kontra Citadel Insurance plc hija wahda ibbazata fuq obbligu kontrattwali u in kwantu diretta kontra Assikura Insurance Brokers u Anthony Haber hija ibbazata fuq allegata obbligazzjoni delittwali. Illi l-attur ma jistax f'nifs wiehed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna lil Citdel Insurance plc sabiex thallas l-ammonti pretizi ghab-bazi ta' kuntratt ta' assikurazzjoni li skond l-attur huwa validu u f'nifs iehor jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenuti l-ohra sabiex ihallsu l-ammont pretiz ghab-bazi ta' allegata obbligazzjoni delittwali u dana stante li bl-allegat agir

taghhom gie annullat il-kuntratt ta’ assikurazzjoni. Illi kif proposta l-azzjoni tikkontradixxi lilha innifisha ghaliex f’nifs wiehed l-attur jippretendi li l-kuntratt ta’ assikurazzjoni huwa validu u f’nifs iehor jallega li l-eccipjent Anthony Haber ma ezegwiex il-mandat tieghu skond il-Ligi li b’konsegwenza ta’ hekk gie annullat il-kuntratt ta’ assikurazzjoni;

2. Illi, ukoll in linea preliminari, it-talbiet attrici huma nulli u inammissibbli u dana stante li ma humiex preceduti b’talba principali u dana fis-sens li dina l-Onorabbli Qorti ma gietx mitluba tiddetermina il-validita o meno tal-kuntratt ta’ assikurazzjoni mertu ta’ dina l-kawza u wisq anqas gie mitlub li dina l-Onorabbli Qorti tiddetermina jekk l-agir tal-konvenuti, apparti Citadel Insurance plc, kienx wiehed li jikkostitwixxi obbligazzjoni delittwali;

3. Illi, ukoll in linea preliminari, ir-raba talba attrici hija nulla u inammissibli u dana stante li dina it-talba hija ripunjanti ghas-sistema guridika Maltija u dana stante li dina l-Onorabbli Qorti qed tintalab tiddeciedi dwar possibilita futura li ghada trid tigi determinata.

4. Illi fil-mertu huwa eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-eccipejnti ma huma b’ebda mod responsabbli ghal-lanjanzi tal-attur allegati minnhu jew ghad-danni minnhu pretizi;

5. Illi l-agir tal-eccipjenti kien wiiehed diligenti fil-grad li trid u skond il-Ligi u dak allegat mill-attur fil-premessi tac-citazzjoni in kwantu dirett kontra l-eccipjenti huwa inveritjer u infondat;

6. Illi in oltre l-eccipjenti Assikura Insurance Brokers Limited, anke tramite l-impejgat taghha l-eccipjent Anthony Haber, tipprovdi biss servizz ta’ intermedjarju fl-assikurazzjoni u ma ghandha ebda awtorita tohrog polza ta’ assikurazzjoni (*underwriting authority)* u kien dana is-servizz ta’ intermadjarju biss li gie provdut lill-attur.

7. Illi l-eccipejnt Anthony Haber assista lill-attur sabiex jimla il-*proposal form*, ghall-finijiet ta’ konvenjenza tal-

attur, in kwistjoni u nizzel fiha ir-risposti moghtija lilhu mill-attur u dana wara li gew moqrija lill-attur id-domandiezatt kif kontenuti fl-istess *proposal form.*

8. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju id-danni pretizi mill-attur in kwantu jirreferu ghall-griehi personali li sofra fl-incident ma humiex koperti bil-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni u ghaldaqstant anqas ghandhom jigu ikkunsidrati fil-kawza odjerna;

9. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju id-danni pretizi mill-attur huma eccessivi;

10. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi u b'riserva ghall-kull azzjoni spettanti lill-eccipjenti ghad-danni sofferti minhabba l-allegazzjonijiet tal-attur.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Michael Attard Limited a fol. 46 tal-process fejn jeccepixxu:**

1. Illi, preliminarjament, ic-Citazzjoni odjerna hija nulla peress illi hija kompletament nieqsa minn tifsira cara u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba attrici in kwantu diretta kontra s-socjeta` eccipjenti Michael Attard Limited. Minn imkien ma tirrizulta fic-Citazzjoni xi raguni li fuqha l-attur qieghed jibbaza it-talba tieghu kontra Michael Attard Limited;

2. Illi, ukoll in linea preliminari, is-socjeta` Michael Attard Limited mhux legittima kontradittrici fil-proceduri u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana stante illi ma kienet involuta bl-ebda mod fil-konkluzjoni tal-kuntratt ta' assikurazzjoni mertu ta' dina l-kawza u wisq anqas kellha relazzjoni guridika mal-attur in konnessjoni mal-istess kuntratt ta' assikurazzjoni. Il-fatt allegat mill-attur li il-"proposal form" imtliet minn impjegat ta' Assikura Insurance Brokers Limited fil-bini propjeta` ta' Michael Attard Limited ma jikkrejax relazzjoni guridika bejn l-attur u s-socjeta` eccipjenti. Is-socjeta` Assikura Insurance Brokers Limited ghandha ufficji fil-bini propjeta` ta' Michael Attard limited, liema ufficju huwa debitament registrat mal-awtoritajiet kompetenti f'isem Assikura

Insurance Brokers Limited, u Michael Attard Limited ma ghandha ebda involviment fil-gestjoni tan-negozju immexxi minn Assikura Insurance brokers Limited;

3. Illi, ukoll in linea preliminari, ic-citazzjoni odjerna hija nulla u dana peress illi l-azzjoni kif proposta hija inproponobbli u dana stante illi l-attur qieghed jivvanta il-pretensjonijiet tieghu f'citazzjoni wahda kontra diversi konvenuti ghab-bazi ta' obbligazzjoni distinti u legalment differenti. Illi l-azzjoni in kwantu diretta kontra Citadel Insurance plc hija wahda ibbazata fuq obbligu kontrattwali u in kwantu diretta kontra Assikura Insurance Brokers u Anthony Haber hija ibbazata fuq obbligazzjoni delittwali. In kwantu diretta kontra s-socjeta` eccipjenti ma giet indikata ebda bazi legali ghall-azzjoni u wisq anqas tezisti. Illi l-attur ma jistax f'nifs wiehed jitlob lil dan l-Onorabbli Qorti tikundanna lil Citadel Insurance plc sabiex thallas l-ammonti pretizi ghab-bazi ta' kuntratt ta' assikurazzjoni li skond l-attur huwa validu u f'nifs iehor jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tikundanna lill-kovenuti l-ohra sabiex ihallsu l-ammont pretiz ghab-bazi ta' obbligazzjoni delittwali u dana stante li bl-allegat agir taghhom gie annullat il-kuntratt ta' assikurazzjoni.

4. Illi, ukoll in linea preliminari, it-talbiet attrici huma nulli u inammissibli u dana stante li ma humiex preceduti b'talba principali u dana fis-sens li dina l-Onorabbli Qorti ma gietx mitluba tiddetermina il-validita o meno tal-kuntratt ta' assikurazzjoni mertu ta' dina l-kawza u wisq anqas gie mitlub li dina l-Onorabbli Qorti tiddetermina jekk l-agir tal-konvenuti, apparti Citadel insurance plc kienx wiehed li jikkostitwixxi obbligazzjoni delittwali;

5. Illi, ukoll in linea preliminari, ir-raba talba attrici hija nulla u inammissibli u dana stante li dina it-talba hija ripunjanti ghas-sistema guridika Maltija u dana stante li dina l-Onorabbli Qorti qed tintalab tiddeciedi dwar possibilita futura li ghada trid tigi determinata.

6. Illi fil-mertu huwa eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li s-socjeta` Michael Attard Limited ma hija b'ebda mod responsabbli

ghal-lanjanzi tal-attur allegati minnhu jew ghad-danni minnhu pretizi;

7. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi u b'riserva ghall-kull azzjoni spettanti lis-socjeta` eccipjenti ghad-danni sofferti minhabba l-allegazzjonijiet tal-attur.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Citadel Insurance p.l.c. a fol. 51 tal-process fejn jeccepixxu:**

1. Preliminarjament illi c-citazzjoni attrici in kwantu li hi diretta kontra persuni differenti li mhux bilfors ghandhom relazzjoni bejniethom u in kwantu li tikkontempla molteplicita ta' fatti guridici li ma humiex relatati jew konsegwenzjali ghal xulxin, u li fi kwalsiasi kaz m'humiex spjegati fic-citazzjoni fil-konfront ta' kull konvenut, hi irrita u nulla;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost li ma hijiex tenuta li taghmel tajjeb ghad-danni mitluba mill-attur fic-citazzjoni tieghu stante li il-polza a bazi ta' liema qieghed jintalab il-hlas hi nulla u minghajr effett fil-ligi stante li nharget b'qerq pratikat mill-attur u/jew ghaliex l-istess attur naqas li jizvela informazzjoni materjali li kienet mistennija tikkundizzjona d-decizjoni tal-eccipjenti li tohrog polza ta' assikurazzjoni fit-termini ta' dik mertu tal-kawza.

3. Bla pregudizzju ghas-suespost li l-attur ta informazzjoniinveritjera ghal domanda espressa kontenuta fil-proposal form u ghalhekk ma jistghax javalixxi ruhhu mill-polza konsegwentement mahruga;

4. Bla pregudizzju ghas-suespost u inoltre li l-eccipjenti ipprocediet biex tikkancella l-polza rilevanti u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza.

5. In kwantu ghal dak li jirrigwarda ir-raba talba attrici li l-eccipjenti ma hijiex tenuta tindennizza lill-terzi kif premess mill-atturi.

6. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat il-verbal tal 24 ta' Novembru 2004;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq l-ewwel hames eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Attard Limited u l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenuti Haber u Assikura Insurance Brokers Ltd.

**Legittimu kontraditur**

Illi fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti Michael Attard Ltd qed jeccepixxu li huma m'humiex il-legittimi kontradditturi.

Illi jirrizulta mill-premessi tac-citazzjoni li l-konvenuti Michael Attard Ltd bl-ebda mod ma kienu nvoluti fil-konkluzzjoni tal-kuntratt ta' assikurazzjoni u lanqas ma gie ndikat fil-premessi tac-citazzjoni fuqhiex l-attur qed jibbaza t-talba tieghu kontra Michael Attard Ltd (ara anke f'dan is-sens l-ewwel eccezzjoni). Mill-premessi jidher li l-konvenuti Michael Attard Ltd ma kellhom ebda relazzjoni guridika ma' l-attur in konnessjoni mal-kuntratt ta' assikurazzjoni u ma kienux involuti fil-gestjoni tan-negozju immexxi minn Assikura Insurance Brokers Ltd. Il-fatt biss li Assikura Insurance ghandhom ufficju fil-proprjeta' ta' Michael Attard Ltd ma jfissirx li b'hekk il-konvenuti Michael Attard huma responsabbili ghall kuntratt ta' assikurazzjoni jew dahlu f'xi relazzjoni guridika ma' l-attur.

Ghalhekk il-konvenuti Michael Attard Limited ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

## Azzjoni Kumulativa

Hemm imbaghad l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenuti Haber u Assikura Insurance Brokers li huma bazikament l-istess bhat tielet, it-raba. u l-hames eccezzjonijiet li kellhom il-konvenuti Michael Attard Ltd.

Fl-ewwel eccezzjoni l-konvenuti Haber u Assikura qed jeccepixxu li c-citazzjoni hija nulla peress illi l-azzjoni kif proposta hija inproponobbli billi l-attur qed jivvanta il-pretensjonijiet tieghu f'citazzjoni wahda kontra diversi konvenuti ghab-bazi ta' obbligazzjonijiet distinti u legalment differenti. Illi l-azzjoni in kwantu diretta kontra Citadel Insurance plc hija wahda ibbazata fuq obbligu kontrattwali u in kwantu diretta kontra Assikura Insurance Brokers u Anthony Haber hija ibbazata fuq allegata obbligazzjoni delittwali. Illi l-attur ma jistax f'nifs wiehed jitlob lil Qorti tikkundanna lil Citadel Insurance plc sabiex thallas l-ammonti pretizi a bazi ta' kuntratt ta' assikurazzjoni li skond l-attur huwa validu u f'nifs iehor jitlob li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti l-ohra sabiex ihallsu l-ammont pretiz a bazi ta' allegata obbligazzjoni delittwali u dana stante li bl-allegat agir taghhom gie annullat il-kuntratt ta' assikurazzjoni.

Gie bosta drabi ritenut mill-Qrati taghna li biex tigi ffissata l-indoli tal-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux tant lejn il-kliem imma lejn dak li sostanzjalment ikun gie mitlub fic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta - ara Kollezz **Vol XXXVII pII p776** u **Vol XLV pII p652; Vol XI p401**, **Vol X p926**.

Fis-sottomissjoni tal-konvenuti fic-citazzjoni attrici hemm azzjonijiet differenti sija kwantu ghall oggett u kawzali taghhom,  sija kwantu ghall persuni li kontra taghhom huma diretti.

Il-kumulu ta' azzjonijiet f'gudizzju wiehed huwa possibili kontra pluralita' ta' konvenuti. Id-diffikolta' pero' qeda filli jigu stabiliti l-kondizzjonijiet li fihom il-gudizzju m'ghandux jigi ammess.  Ovvjament l-attur jista', kontra l-istess

konvenut jitlob fl-istess kawza l-adempiment ta’ diversi obbligazzjonijiet, anke naxxenti minn kawzi jew titoli distinti per ezempju li jitlob il-hlas ta’ diversi sommom dovuti ghal ragunijiet diversi (Art. 759 Kap 12).

M’ghandhux ikun permess pero’ li fl-istess citazzjoni l-attur iressaq diversi azzjonijiet kontra diversi konvenuti, jekk ma jkunux konnessi ghall kollox bejnithom. Il-Qrati Taljani irritenew illi biex jistghu jigu kumulati fl-istess gudizzju azzjonijiet ezercitati kontra diversi konvenuti hu almenu necessarju illi bejn id-diversi domandi jkun hemm konnessjoni. In generali imbaghad “*e’ diferito al prudente arbitrio del magistrato di riconoscere se e quando la collettivita’ possa essere autorizzata per l’economia dei giudizi senza pregudizio dei diritti a ciascuno dei litiganti spettanti*” (Coen Citazione Materia Civile para 897-907).

Fil-kaz in ezami l-azzjoni fic-citazzjoni tikkontradixxi lilha innifisha ghaliex l-attur jippretendi li l-kuntratt ta’ assikurazzjoni huwa validu u ghalhekk ghandu jithallas u fl’istess nifs jallega li Anthony Haber ma ezegwiex il-mandat tieghu skond il-Ligi li b’konsegwenza ta’ hekk ghandu jigi annullat il-kuntratt ta’ assikurazzjoni. Fic-citazzjoni hemm azzjonijiet differenti kemm ghal dak li jirrigwarda l-oggett u kawzali taghhom, kif ukoll kwantu ghall persuni li kontra taghhom huma diretti.

Fit-trattazzjoni l-attur ssottometta li l-azzjoni odjerna hija salvabbli u l-Qorti tista tordnalu li jghazel b’liema azzjoni huwa ghandu jipprocedi.

Huwa minnu li f’dawn l-ahhar snin il-Qrati kienu inqas propensi li jiddikjaraw nulli citazzjoni a bazi ta’ xi nuqqas fil-format jew kontenut taghha. Biss dan ma jfissirx lanqas li wiehed ghandu jaghlaq ghajnejh ghal kollox u jhalli kollox ghaddej, ghaliex il-Procedura ghandha tigi segwita u mhijiex qeghda hemm ghalxejn (Ara PA G.V.Gozo Deveopments vs Perit R.Cassar 31.5.2004). Din il-Qorti mhiex lesta li tkun rigidament formalistika izda ma tistax tinjora r-regoli procedurali.

F’dan il-kaz mhiex kwistjoni ta’ nuqqas ta’ kjarezza fic-citazzjoni jew fil-premessi imma hu kaz ta’ talbiet li huma inkonciljabbli. Kif proposta ghalhekk ic-citazzjoni b’zewg azzjonijiet f’daqqa wahda li huma konfliggenti hija nulla u rritwali.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Michael Attard Ltd u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
Tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Haber u Assikura Insurance Brokers Ltd u
tiddikjara c-citazzjoni nulla.
Spejjez ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------